**253. L-Onor. Joe Mizzi MP, Whip għan-Naħa ta' l-Oppożizzjoni jipproponi:-**

L-Onor. Joe Mizzi jagħmel referenza għar-Ruling li ngħata fis-seduta 422 ta' l-24 ta' Lulju, 2006 illi mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-istess Onor. Joe Mizzi jista jieħu;

Qed iressaq din il-mozzjoni biex isir dak li hemm fl-Ordni Permanenti Nru 62 tal-Kamra tad-Deputati (id-deċiżjoni ta' l-iSpeaker tiġi riveduta u li jsir rapport fuqha fil-Kamra); dak ir-rapport għandu jitniżżel fil-minuti tal-proċeduri tal-Kamra u dan peress li Mr Speaker ta ruling fis-seduta ta' l-24 ta' Lulju 2006, li minkejja li kien hemm oġġezzjoni li jitqiegħdu dokumenti fuq il-Mejda tal-Kamra, u la kien hemm tali oġġezzjoni kellhom jitqiegħdu biss wara li jkun hemm vot u dan peress li l-permess ma ngħatax;

Illi minkejja tali oġġezzjoni l-iSpeaker ta ruling li baqa' għaddej u ta l-kelma lill-Ministru Pullicino bil-poter ukoll li jitqiegħdu d-dokumenti kontestati;

Illi dan jilledi r-regolamenti u d-dritt tal-minoranza li toġġezzjona, u allura l-iSpeaker ikun qed jistaqsi għal xejn jekk hemmx oġġezzjoni jew le, u fil-Parlament xejn suppost ma jsir taparsi.

25.7.06